**MALTA**

# TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

**ĠUDIKATUR**
**DR. Anna Mallia**

Seduta 05 ta' Frar, 2016.

Talba Numru: 609/2014 AM3

Numru fuq il-Lista: 08

**Commercial Services Bureau (CSB) Limited (C 9035)**

**vs**

**Dr Martin Fenech li b'digriet tat-23 ta' Gunju, 2015 gie mahtur kuratur deputat sabiex jirraprezenta lis-Socjeta' Galaxy Gaming Enterprises Limited (C46159)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviż tat-talba fl-ismijiet premessi, ppreżentat fis-27 t' Awwissu, 2014 li permezz tieghu s-Socjeta' attrici talbet il-hlas ta' elf, disa' mija wiehed u sittin ewro u tmienja u disghin centezmu (€1,961.98c) liema ammont huwa ta' servizzi korporattivi li s-Socjeta' attrici tat lis-Socjeta' konvenuta.

Ra illi mill-atti jirrizulta li ghalkemm is-Socjeta konvenuta giet debitament notifikata kemm bl-avviz tat-talba u kif wkoll bl-avviz tas-seduta, u hija ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi.

Ra r-risposta tal-kuratur deputat Dr Martin Fenech tal-10 ta' Lulju, 2015 li permezz taghha eccepixxa li huwa mhuwiex edott mill-fatti u jirriserva li jissottometti risposta ulterjuri meta jkun jaf bil-fatti u li r-rikorrenti ghandu jikkonferma li ma kellux indirizz fejn s-Socjeta' konvenuta tista' tigi kkuntatjata.

Ra x-xhieda permezz tal-affidavit ta' Michael Zammit ghas-Socjeta' attrici li permezz tieghu kkonferma li l-ammont ghadu dovut u li ma ghandux indirizz tas-Socjeta' konvenuta.

Ra l-verbal ta' Dr Martin Fenech tas-seduta tal-14 ta' Jannar, 2015 li permezz tieghu ddikjara li ma rnexxielux jaghmel kuntatt mas-Socjeta' konvenuta u ghalhekk l-kawza tista tibqa' ghas-sentenza.

Ghaldaqstant, peress li t-talba tas-Socjeta' attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa` t-talba attrici u konsegwentement jikkundanna lis-Socjeta' konvenuta Galaxy Gaming Enterprises Limited thallas lis-Socjeta' attrici s-somma ta' elf disa` mija wiehed u sittin ewro u tmienja u disghin centezmu (€1,961.98c) bl-imghax legali kontra l-konvenuta mis-26 ta' Mejju, 2014 sad-data tal-effettiv pagament.

L-ispejjez inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru a karigu tal-istess Socjeta' konvenuta.

**Dr Anna Mallia**
**Gudikatur**